



24.10.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 0307/2012, imressqa minn Marco Picardi, ta' ċittadinanza Brittanika, dwar it-talba tiegħu sabiex l-UE tiffirma l-linji gwida tan-Nazzjonijiet Uniti għal diliġenza dovuta għall-katina ta' provvista responsabbli ta' minerali minn postijiet ta' bandiera ħamra sabiex jitnaqqas ir-riskju li din tipprovdi appoġġ dirett jew indirett għall-konflitt fil-parti tal-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jindika li speċjalment il-kassiterit u l-koltan, minerali li jintużaw f'taġħmir elettroniku li jiffirma parti mill-ħajjiet taġħna ta' kuljum ġejjin minn minjieri fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Il-profitti jgħinu biex isostnu wieħed mill-aktar konflitti qattielat fid-dinja. Hu jitlob lill-Parlament biex jadotta miżuri biex jiffirma l-linji gwida tan-Nazzjonijiet Uniti għal diliġenza dovuta għall-katina ta' provvista responsabbli ta' minerali minn postijiet ta' bandiera ħamra bħala l-ewwel pass essenzjali biex iwaqqaf lill-konsumaturi fl-UE milli jappoġġjaw dan il-konflitt.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-2 ta' Lulju 2012. Il-Kummissjoni ntalbet taġħti informazzjoni skont Artikolu 202(6).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012.

L-UE hija konxja dwar ir-rabtiet bejn l-esplojtazzjoni illegali u n-negozju tal-minerali fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar u fil-kunflitt fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Din it-tip ta' rabta hija kumplessa: ċertament m'hemm l-ebda dubju li l-profitti mill-isfruttament u n-negozju tar-riżorsi naturali (mhux biss minerali, iżda wkoll l-art, l-injam, il-faħam, is-sajd u l-kaċċa illegali) huma sors importanti ta' finanzjament għall-maġġoranza tal-gruppi armati.

Biex titrażżan ir-rabta bejn il-finanzjament tal-gruppi armati u l-isfruttament tar-riżorsi naturali, jeħtieġ li jkun hemm rispons komprensiv.

Dan it-tip ta' approċċ komprensiv għandu jkun ibbażat fuq il-provvista u n-negozjar responsabbli tal-minerali (il-ktajjen ta' provvista), it-trasparenza tad-dħul u l-promozzjoni tal-paċi dejjiemi u l-istabbiltà, inkluż it-tnaqqis tal-faqar. Dan it-tip ta' rispons għandu jinkludi strateġiji tal-iżvilupp aktar wiesa' b'attenzjoni partikolari għat-tħaffir ta' minjieri artiġjanali. Ir-restawr tal-awtorità statali u l-istat tad-dritt fil-Lvant tal-RDK, flimkien ma' Riforma b'firxa wiesgħa fis-Settur tas-Sigurtà, huma ewlenin u jippermettu li l-approċċ komprensiv imsemmi qabel ikun ankrat fi ħdan struttura statali stabbli.

L-Unjoni Ewropea tippromwovi approċċ imsejjes fuq it-trasparenza tas-swieq fiżiċi, il-ktajjen ta' provvista u d-dħul.

Il-Kummissjoni ressqet abbozz ta' Direttiva (rapportar għal kull pajjiż) li tippromwovi l-iżvelar tal-pagamenti min-naħa tal-industrija estrattiva u tal-forestrija lill-gvernijiet, kemm għal kumpaniji kkwotati fil-boroż tal-UE kif ukoll għal kumpaniji oħra kbar tal-UE. Abbażi tal-esperjenza tal-proċess Kimberley, l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI), l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT) u r-Regolament dwar l-Injam, il-Kummissjoni Ewropea qed tesplora mezzi kif ittejjeb it-trasparenza tul il-katina ta' provvista, li jinkludu aspetti ta' diliġenza dovuta.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni qed titlob aktar appoġġ għal Linji Gwida tal-OECD għal intrapriżi multinazzjonali, r-rakkomandazzjonijiet tal-OECD dwar id-diliġenza dovuta u l-ġestjoni responsabbli tal-katini tal-provvista u għal aktar użu taġġhom – xi ħaġa li għandha tiġi promossa wkoll lil hinn mill-pajjiżi tal-OECD. (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-Negozju, it-Tkabbir u l-Iżvilupp, Jannar 2012<sup>1</sup>)

B'mod parallel, kif deskritt fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Materja Prima, l-UE se tkompli tikkoopera ma' pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw u tipprovdi appoġġ għalihom fir-rigward tat-tħaffir tal-minjieri sostenibbli, l-għarfien ġeoloġiku u l-governanza tajba fil-ġestjoni tar-riżorsi naturali.

L-UE, li tappoġġa finanzjarjament u politikament l-isforzi tal-EITI għat-trasparenza tal-pagamenti lill-gvernijiet, stabbilixxiet ukoll sħubija man-Nazzjonijiet Uniti biex tappoġġa l-pajjiżi sabiex itejbu l-ġestjoni tar-riżorsi, bħala mezz ta' prevenzjoni tal-kunflitti u ta' promozzjoni tal-bini tal-paċi. L-attivitajiet futuri għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ għall-gruppi tas-soċjetà ċivili li huma attivi f'dan il-qasam b'fokus partikolari fuq il-pajjiżi tar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar.

L-UE qed taħdem ukoll flimkien mas-sħab internazzjonali u l-partijiet interessati reġjonali: laqgħat regolari tat-Taskforce Internazzjonali (ITF) dwar l-esplojtazzjoni illegali u l-kummerċ tar-riżorsi naturali fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar (ippreseduti mill-koordinatur tal-UE għal-lagi l-kbar) jipprovdu l-komunità internazzjonali bi pjattaforma biex jikkontribwixxu biex il-kwistjoni tkun mifhuma aħjar, jidentifikaw miżuri biex jindirizzaw il-problema tal-iffinanzjar tal-gruppi armati permezz tal-isfruttament u n-negozju tar-riżorsi naturali u jlaboraw proposti

<sup>1</sup> [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2012/january/tradoc\\_148992.EN.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2012/january/tradoc_148992.EN.pdf)

addizzjonali. Minbarra l-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà, tingħata l-attenzjoni għat-tmexxija ġenerali tas-settur tat-tħaffir ta' minjieri. Minbarra dan, il-kwistjoni ta' "ktajjen ta' provvista bla kunflitti" assumiet importanza kruċjali u dejjem tikber.

*Politikament, L-UE tappoġġa "l-Inizjattiva Reġjonali dwar l-isfruttament Illegali tar-Riżorsi Naturali" tal-Konferenza Internazzjoni għar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar (ICGLR) li tinkludi t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni bil-għan li jiċċertifika l-minerali bla kunflitti li jiġu provduti fir-reġjun. L-UE qed tesplora mezzi biex ttiprovdi appoġġ għal din l-inizjattiva. Huwa importanti ħafna li kwalunkwe approċċ futur dwar il-provvista ta' ktajjen ta' provvista bla kunflitti ta' minerali jkun koerenti mal-istrateġiji tal-iżvilupp tal-UE u mal-promozzjoni ta' opportunitajiet alternattivi tal-għajxien għal ħaddiema tal-minjieri artiġjanali. Għandhom jitqiesu b'attenzjoni l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi fil-livell lokali.*

*Finalment, il-Kummissjoni Ewropea u s-SEAE qed jaħdmu fuq is-segwitu għall-komunikazzjoni "Il-Kummerċ, it-Tkabbir u l-Iżvilupp" bil-għan li jniedu konsultazzjoni pubblika fl-2013 dwar inizjattiva komprensiva possibbli tal-UE dwar il-minerali tal-kunflitti.*